# Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

Pjan ta' Ħidma

2023 – 2027

# Kontenut

1.0 Daħla u Analiżi tas-Sitwazzjoni
2.0 Dikjarazzjoni tal-Viżjoni, Missjoni u Valuri
3.0 Għanijiet, Riżultati Mistennija u Strateġiji
4.0 Struttura u Organizzazzjoni
5.0 Tbassir Finanzjarju
6.0 Żvilupp Kapitali

# 1.0 Daħla u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Dan il-pjan ta' ħidma għandu jagħtina direzzjoni 'l quddiem biex inkomplu ntejbu l-ħidma tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar għall-ġid tal-Kunsilli Lokali u tal-komunitajiet fil-lokalitajiet li jiffurmaw dan ir-Reġjun.

Din is-sena se tkun qed iġġib sfidi ġodda fil-ħidma tal-Kunsill Reġjonali billi s-servizz tal-ġbir tal-iskart qed jiġi amministrat fuq bażi reġjonali. Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jissorvelja u jikkoordina dan is-servizz flimkien mal-Kunsilli lokali sabiex jassigura li jintlaħqu l-livelli meħtieġa u l-aspettattivi tar-residenti.

Matul din is-sena, il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar se jkun qed iġorr it-titlu ta' Reġjun Kulturali 2023. Minn xhur ilu bdiet ħidma sabiex matul din is-sena jiġu organizzati attivitajiet, proġetti u inizjattivi li jsaħħu l-għarfien u l-apprezzament tal-aspetti kollha tal-kultura fir-Reġjun tan-Nofsinhar. Se nrawmu apprezzament lejn dawk il-fatturi li għenu biex matul is-snin sawruna u tawna identità unika – l-istorja, it-tradizzjonijiet, l-arti, il-mużika, id-divertiment, l-ilbies, l-ilsien, l-ikel, il-midja, il-mezzi soċjali u influwenzi minn pajjiżi oħra. Il-proġetti, l-inizjattivi u l-attivitajiet marbuta ma' dan it-titlu se jkunu qed jiġu organizzati bil-kollaborazzjoni sħiħa tal-Kunsilli lokali fir-reġjun u bl-assistenza ta' direttur artistiku.

B'sodisfazzjoni nistgħu ngħidu li l-miri li kellu l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar fil-pjan ta' ħidma għas-sena li għadha kif intemmet intlaħqu u ninsabu f'pożizzjoni li nfasslu pjan ta' ħidma aktar wiesa' biex naspiraw għal miri ġodda konformi mal-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali elenkati f'Artikolu 37B.

L-impenji prinċipali li se nkunu qed nikkonċentraw fuqhom huma dawn :

- Nipproteġu l-ambjent naturali u l-ambjent urban fil-lokalitajiet tar-reġjun u ngħinu biex jiġu indirizzati l-enerġija b'mod sostenibbli, l-immaniġġjar tal-iskart u t-tibdil fil-klima.

- Nikkoordinaw ma' Ministeri, Dipartimenti, entitajiet governattivi, setturi taż-żamma tal-ordni u infurzar, għaqdiet mhux governattivi u entitajiet oħrajn biex niffaċilitaw il-ħidma tal-Kunsilli Lokali tagħna.

- Nikkoordinaw ma' Kunsilli Lokali f'attivitajiet u inizjattivi kulturali, edukattivi, sportivi, fiżiċi, soċjali u dawk relattivi għall-benesseri.

- Inkunu ta' spalla fil-ħidma tal-Kunsilli Lokali li jiffurmaw parti mir-Reġjun u noffru assistenza professjonali fl-għoti tas-servizzi fil-qasam ambjentali, l-immaniġġjar tal-iskart, kulturali, l-immaniġġjar ta' proġetti u t-teknoloġija tal-informatika.

- Noffru assistenza lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun sabiex jibbenefikaw u jimmaniġġjaw programmi finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea, skemi finanzjarji maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u skemi finanzjarji oħra.

- Naħdmu favur l-għaqda u r-rispett bejn ir-residenti kollha tal-Gżejjer Maltin.

- Naħdmu għal kwalità ta' ħajja aħjar fir-Reġjun tan-Nofsinhar.

- Nagħtu identità unika u distinta lir-Reġjun tan-Nofsinhar

Matul is-snin li ġejjin, il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar se jkun qed jiffoka l-ħidma tiegħu fuq l-għoti ta' servizz b'eċċellenza fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu. Se jkun qed jagħti importanza speċjali lill-għoti ta' servizz ta' għajnuna u assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali fil-qasam ambjentali, immaniġġjar tal-iskart, kultura, immaniġġjar ta' proġetti, teknoloġija tal-informatika, u benefiċċji minn programmi u proġetti b'fondi tal-Unjoni Ewropea u skemi finanzjarji oħra. Din l-assistenza professjonali se tkun qed tgħin lill-Kunsilli lokali sabiex huma wkoll ikunu jistgħu jgħollu l-livell fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom u, lkoll flimkien, inkunu qed nipprovdu servizz ta' eċċellenza lir-residenti fil-komunitajiet fir-reġjun tagħna.

Madanakollu rridu nwessgħu l-ħidma tal-Kunsill Reġjonali f'setturi oħra fosthom dawk sportivi, soċjali, edukattivi, kif ukoll dawk relatati mal-qasam soċjali. Se nkunu qed nikkoordinaw u naħdmu spalla ma' spalla mal-Kunsilli Lokali tagħna biex verament inkunu qed noffru kwalità ta' ħajja aħjar lir-Reġjun tan-Nofsinhar. Flimkien mal-Kunsilli Lokali li jiffurmaw dan ir-reġjun se nkunu qed naħdmu fuq strateġija li tagħti identità unika u distinta lir-Reġjun tan-Nofsinhar.

Għal dan il-għan, qed inħejju pjan strateġiku ambizzjuż li jinkludi xogħol strutturali fil-Bini amministrattiv sabiex jiġu estiżi l-uffiċini ħalli nkunu naqdu l-funzjonijiet tagħna bl-aktar mod professjonali, mhux biss għaż-żminijiet tal-lum, imma anke għaż-żmien li ġej. Se nagħmlu l-almu tagħna biex il-Kunsilli Lokali jkollhom l-għodda u l-ħiliet neċessarji sabiex ikunu jistgħu joffru servizz ta' kwalità għolja lir-residenti tagħhom. Kulma jmur qed naraw li l-bżonnijiet u l-aspettattivi tal-pubbliku dejjem qed jiżdiedu. Il-pubbliku jistenna li l-prodotti u s-servizzi offruti lilu jkunu ta' eċċellenza u li jkun moqdi f'qasir żmien. Għaldaqstant se nkunu qed nagħmlu ħilitna biex ngħinu lill-Kunsilli Lokali jilħqu l-aspettattivi tar-residenti fil-lokalità tagħhom.

Se nagħmlu sforz biex insaħħu l-għaqda u r-rispett bejn kulħadd u biex kull individwu jħossu kburi li jagħmel parti minn dan ir-reġjun. Ħa nkunu qed nuru impenn lejn l-aspett soċjali, fosthom il-protezzjoni soċjali, l-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza u d-diversità. Matul din is-sena se nkunu qed naħdmu flimkien mal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà fi ħdan l-Università ta' Malta sabiex isir studju u rapport tal-evalwazzjoni tal-impatti soċjali fil-lokalitajiet tar-reġjun.

Flimkien mal-Membri tal-Kunsill Reġjonali se nkomplu naħdmu biex noffru servizz ta' eċċellenza u biex xogħolna ikun jirrifletti governanza tajba, trasparenza, serjetà u kontabilità.

IFFIRMAT

Jesmond Aquilina

President

# 2.0 Dikjarazzjoni tal-Viżjoni, Missjoni u Valuri

## 2.1 Viżjoni

Naqdu l-funzjonijiet tagħna bl-aktar mod professjonali u b'governanza tajba filwaqt li nkunu ta' aspirazzjoni għal entitajiet oħra biex jimxu fuq il-passi tagħna.

## 2.2 Missjoni

Namministraw ir-riżorsi tagħna bl-aktar mod għaqli u naħdmu b'mod effettiv sabiex inkunu nistgħu nagħtu servizz professjonali lill-Kunsilli Lokali u lill-komunitajiet fi ħdan ir-Reġjun

Nemmnu li meta naħdmu flimkien b'għan wieħed, kapaċi nilħqu l-objettivi u l-miri tagħna u nagħmlu d-differenza fil-ħajja tar-residenti fil-komunitajiet tagħna.

## 2.3 Valuri

- Nirrispettaw lil kulħadd u nagħtu servizz ta' eċċellenza lill-Kunsilli Lokali u lill-komunitajiet tagħhom b'ugwaljanza u bla ebda diskriminazzjoni;
- Namministraw ir-riżorsi finanzjarji bl-aktar mod għaqli u ġust;
- Noffru tmexxija serja, effiċjenti, miftuħa, b'governanza tajba, bi trasparenza u kontabilità;
- Nuru impenn lejn il-qasam soċjali, ugwaljanza, integrazzjoni, diversità, benessere u ġid komuni fil-komunitajiet tagħna;
- Nuru impenn lejn l-involviment attiv tar-residenti u tal-komunitajiet fir-reġjun.

# 3.0 Għanijiet, Riżultati Mistennija u Strateġiji

## 3.1 Riżultati għal qasir żmien u riżultati mistennija

| Għanijiet | Riżultati Mistennija |
|---|---|
| Nagħtu sehmna biex jitħares l-ambjent u t-tibdil fil-klima, u naħdmu għal aċċessibilità aħjar fil-lokalitajiet tar-reġjun. | Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jibbenefika mill-iskema Proġetti fil-Komunità finanzjata mill-Aġenzija LESA sabiex tinxtara vettura elettrika li se tkun qed tagħti servizz lil persuni b'nuqqas ta' mobilità fir-reġjun. |
| Ngħinu lill-Kunsilli Lokali sabiex itejbu l-faċilitajiet sanitarji pubbliċi fil-lokalitajiet tagħhom. | Il-Kunsill Reġjonali akkwista fondi mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u se jkun qed jikkollabora mal-Kunsilli Lokali sabiex dawn jintużaw sabiex jitjiebu numru ta' faċilitajiet sanitarji fil-lokalitajiet tar-reġjun. |
| Naħdmu fuq pjan strateġiku mfassal fuq l-istrateġija kulturali li tħejjiet għar-Reġjun tan-Nofsinhar. | Ir-Reġjun Kulturali tan-Nofsinhar 2023 se jkun qed jaħdem flimkien mat-tnax-il Kunsill Lokali fi ħdanu, ma' entitajiet oħra u ma' għaqdiet mhux governattivi sabiex jimplimenta programm ta' attivitajiet, proġetti u inizjattivi mfassla fuq l-istrateġija kulturali. |
| Naħdmu favur il-qasam soċjali u l-inklużjoni soċjali fil-lokalitajiet biex ħadd ma jibqa' lura. | Il-Kunsill Reġjonali ikkoordina mal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà fi ħdan l-Università ta' Malta sabiex jagħmel studju u rapport tal-evalwazzjoni tal-impatti soċjali fir-Reġjun tan-Nofsinhar. |
| L-immaniġġjar tal-iskart fir-reġjun jilħaq il-livelli meħtieġa u l-aspettattivi tar-residenti. | Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jissorvelja u jaħdem aktar mill-qrib mal-awtoritajiet konċernati, mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, |

| | |
|---|---|
| | mal-Kunsilli Lokali u mal-kuntrattur sabiex jiżgura li s-servizz tal-ġbir tal-iskart ikun effiċjenti u ta' livell għoli. |

## 3.2 Għanijiet għal żmien fit-tul (2022 – 2026)

| Għanijiet | Riżultati Mistennija |
|---|---|
| Naħdmu favur il-qasam soċjali fir-reġjun. | Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jaħdem u jikkollabora ma' entitajiet li jaħdmu fil-qasam soċjali biex ir-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-istudju u l-evalwazzjoni tal-impatti soċjali jkunu jistgħu jitwettqu fir-realtà. |
| Inwettqu proġetti li jiffaċilitaw il-ħidma tal-Kunsilli Lokali, proġetti li jħarsu l-ambjent u t-tibdil fil-klima, u proġetti li jtejbu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti. | Il-Kunsill Reġjonali bil-koordinazzjoni tal-Kunsilli Lokali se jkun qed jesplora modi kif jista' jibbenefika minn fondi ħalli jkun jista' jwettaq diversi proġetti li għandu mfasslin għall-ġid tal-Kunsilli Lokali u l-komunitajiet tagħhom. |
| Nagħtu identità distinta lir-Reġjun tan-Nofsinhar. | Il-Kunsill Reġjonali se jaħdem biex il-programm tar-Reġjun Kulturali 2023 ma jkunx biss ċelebrazzjoni ta' sena waħda, imma li jħalli legat warajh billi l-pubbliku jibqa' japprezza aktar l-aspetti kulturali distinti u uniċi fir-reġjun. |
| Implimentazzjoni ta' proġett ta' roof garden fuq il-Bini Amministrattiv li se jkun miftuħ għall-komunità. | Il-Kunsill Reġjonali akkwista fondi minn Ambjent Malta sabiex jimplimenta proġett ta' roof garden fuq il-Bini Amministrattiv bil-għan li jtejjeb il-kwalità tal-arja fiċ-ċentru tal-lokalità ta' Ħal Qormi u li joffri spazju miftuħ lill-komunità. |

| | |
|---|---|
| Il-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali jkun post ta' livell li jixraq minn fejn tkun tista' tingħata għajnuna professjonali u ta' livell għoli lill-Kunsilli Lokali fl-għoti tas-servizzi lill-komunitajiet tagħhom. | Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jikkonkludi proġett ambizzjuż li se jkun qed jara l-Bini Amministrattiv jiġi estiż u konvertit f'ċentru ewlieni reġjonali li jinkludi uffiċini għat-tim amministrattiv, u spazji għal-laqgħat, attivitajiet u konferenzi biex ikun jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu b'mod professjonali u jilqa' għall-isfidi tal-lum u tal-ġejjieni. |

## 3.3 Strateġiji

Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jara li jagħmel reviżjoni ta' dawn il-miri minn żmien għal żmien u, fejn jinħass il-bżonn, jemenda l-pjanijiet jew jadotta sistemi ġodda biex jara li dawn il-miri jintlaħqu.

L-istrateġiji li qed nesiġu fuqhom huma:

- Inkomplu nsaħħu l-komunikazzjoni effettiva u r-rispett bejn il-membri tal-Kunsill Reġjonali, il-Kunsilli Lokali u r-residenti fil-lokalitajiet rispettivi.
- Naħdmu biex is-servizz li jingħata lill-Kunsilli Lokali u l-komunitajiet tar-reġjun ikun wieħed ta' eċċellenza fejn tispikka l-effiċjenza, l-ugwaljanza, id-diversità, il-governanza tajba, it-trasparenza, is-serjetà u l-kontabilità.
- Jintużaw l-aktar metodi u sistemi effettivi fit-tmexxija.
- Nisfruttaw opportunitajiet ġodda, għajnuniet, skemi finanzjarji u proġetti li jagħmlu ġid lill-lokalitajiet tar-reġjun.
- Insaħħu l-ħidma fil-qasam ambjentali, soċjali, kulturali, edukattiv, sportiv, immaniġġjar tal-iskart u tat-teknoloġija tal-informatika.
- Naħdmu ma' Ministeri, Dipartimenti, Entitajiet Governattivi u setturi oħra biex ngħinu u nsaħħu l-ħidma tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-reġjun.
- Il-Bini Amministrattiv ikun ċentru ewlieni reġjonali ta' livell li jixraq, minn fejn tkun tista' tingħata għajnuna professjonali lill-Kunsilli Lokali fir-Reġjun.

# 4.0 Struttura u Organizzazzjoni

L-istruttura organizzattiva tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar hi komposta kif ġej:




Sabiex ikun jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bl-aktar mod effettiv u effiċjenti, il-Kunsill Reġjonali żviluppa struttura u sistemi ta' proċessi moderni biex ikun jista' jilqa' għall-isfidi tal-lum u tal-ġejjieni, filwaqt li jkun jista' jdawwar l-isfidi f'opportunitajiet. Din l-istruttura hi bbażata fuq il-kunċett ta' aġilità organizzattiva u tippermetti ħidma aktar effettiva mibnija fuq timijiet funzjonali li jaħdmu f'sinerġija flimkien. Din is-sistema tagħti valur lil kull individwu u kull membru fit-tim jista' jikber u joħroġ il-ħiliet tiegħu. Il-President, flimkien mad-Deputat President u l-Membri, jagħtu d-direzzjoni lill-Kunsill Reġjonali u jfasslu pjan ta' ħidma u pjan strateġiku. Is-Segretarju Eżekuttiv, flimkien mal-istaff tal-Kunsill Reġjonali jeżegwixxu l-pjan ta' ħidma u l-pjan strateġiku sabiex jilħqu l-objettivi u l-miri mixtieqa. L-amministrazzjoni tieħu ħsieb tara li l-operat tal-Kunsill Reġjonali dejjem ikun konformi mar-regolamenti u l-proċeduri stabbiliti.

Is-sezzjoni tal-Amministrazzjoni hi komposta mis-Segretarju Eżekuttiv, Deputat Segretarju Eżekuttiv/Reġistratur, Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-ambjent, Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-kultura, Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-proġetti, Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-immaniġġjar tal-iskart, Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-fondi Ewropej u skemi finanzjarji oħra, Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mit-teknoloġija tal-informatika, Deputat Reġistratur, Assistent Prinċipal, Uffiċjal Eżekuttiv, Skrivan u Uffiċjal tal-Komunità responsabbli mill-ħarsien u t-trattament xieraq tal-annimali.

Is-sezzjoni operattiva u tal-manutenzjoni hi komposta minn Supervisor u żewġ impjegati oħra, ilkoll ħaddiema tal-RSSL. Dawn, apparti xogħol ta' manutenzjoni fil-bini amministrattiv u xogħol ieħor relatat mal-operat tal-Kunsill Reġjonali, jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalitajiet li jagħmlu parti mir-reġjun fuq ftehim bejn is-Sindku tal-lokalità, is-Segretarju Eżekuttiv u s-Supervisor ta' din is-sezzjoni.

Is-suċċessi u r-riżultati li kiseb il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar matul is-snin huma dovuti għall-prinċipji u valuri sodi li jagħmlu lil dan ir-reġjun wieħed magħqud, li jaħdem b'sinerġija, għaqda u rispett. Il-pilastri tagħna huma governanza tajba, servizz ta' eċċellenza, professjonalità, trasparenza u kontabilità. Ir-riżultati pożittivi li jinkisbu mill-Kunsill Reġjonali jiġu riflessi fil-ħidma tal-Kunsilli Lokali li l-għan prinċipali tagħhom hu li jaqdu l-bżonnijiet u jilħqu l-aspettattivi tar-residenti. Dan kollu jwassal għal lokalitajiet b'ambjent aħjar, żvilupp sostenibbli u titjib fil-kwalità tal-ħajja tar-residenti.

It-tim tal-Kunsill Reġjonali jagħmel dak kollu li hu possibli biex jiżgura kwalità ta' ħajja aħjar fir-Reġjun tan-Nofsinhar.

[FFIRMAT

Philip Carabott

# 5.0 Tbassir finanzjarju

L-akbar sfida li qed niffaċċjaw hi bla dubju l-amministrazzjoni tal-finanzi tal-Kunsill Reġjonali. Minkejja li n-numru tal-istaff żdied u r-responsabbilitajiet żdiedu bil-bosta, l-allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali baqgħet ma nbidlitx. L-allokazzjoni finanzjarja tammonta għal 583,333 ewro fis-sena li jridu jkopru għas-salarji, spejjeż amministrattivi, spejjeż tal-manutenzjoni u spejjeż tal-proġetti u l-inizjattivi. Sal-ġurnata li fih qed jiġi ppreżentat dan id-dokument, għad m'hemm l-ebda indikazzjoni li l-Kunsilli Reġjonali se jingħataw xi għajnuna finanzjarja addizzjonali biex ikunu jistgħu jaqdu l-funzjonijiet u jonoraw l-obbligazzjonijiet tagħhom b'mod aktar effettiv u professjonali. Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar se jkun qed jagħmel l-almu tiegħu sabiex jamministra l-finanzi tiegħu bl-aktar mod għaqli possibbli filwaqt li se jiżgura li r-rapporti finanzjarji tiegħu jinżammu aġġornati u jiġu ppubblikati skont ir-regolamenti u l-proċeduri stabbiliti.

Id-dettalji dwar it-tqassim tal-finanzi matul il-ħames snin li ġejjin jinsabu fit-tieni parti tad-dokument tal-Pjan ta' Ħidma 2023-2027.

# 6.0 Żvilupp Kapitali

Għal dawn il-ħames snin li ġejjin, il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar se jkun qed jikkonċentra l-ħidma tiegħu fuq il-funzjonijiet elenkati lilu, speċjalment l-għoti ta' assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu. Se jsaħħaħ ir-riżorsi tiegħu biex jgħin lill-Kunsilli Lokali ħalli jkunu jistgħu joffru servizz tal-ogħla kwalità fl-oqsma ambjentali, kulturali, soċjali, żvilupp personali, teknoloġija tal-informatika, immaniġġjar tal-iskart, immaniġġjar ta' proġetti, fondi Ewropej u skemi finanzjarji oħra.

Se nagħmlu l-almu tagħna biex, kemm il-ħidma tal-Kunsill Reġjonali, kif ukoll dik tal-Kunsilli Lokali titwettaq b'mod effettiv u tilħaq l-aspettattivi u l-bżonnijiet tal-pubbliku. Il-Kunsill Reġjonali se

jibqa' jaħdem b'mod kontinwu fuq l-iżvilupp personaliu tar-riżorsi umani ħalli jkun imħarreġ u kapaċi jadatta ruħu għat-tibdiliet kontinwi fl-ambjent tax-xogħol, fil-proċessi, kif ukoll sistemi u metodi ġodda, ħalli jiħaq il-miri tiegħu.

Se nkomplu naħdmu sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-Kunsilli Lokali tagħna u nservu bħala punt ta' referenza waqt l-isfidi li jiffaċċjaw fil-ħidma tagħhom. Se nkunu qed nikkoordinaw ma' Ministeri, Dipartimenti, Entitajiet tal-Gvern, għaqdiet mhux governattivi, għaqdiet volontarji u setturi oħra fuq inizjattivi u proġetti għall-ġid tal-Kunsilli lokali u l-komunitajiet fir-reġjun.

Matul iż-żmien li ġej se nkunu qed naħdmu biex jitlesta l-proġett tal-estensjoni tal-Bini Amministrattiv. Il-Bini Amministrattiv se jkun ċentru reġjonali ewlieni li se jservi biex jingħataw servizzi varji u assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali u l-komunitajiet fir-reġjun.

Id-dedikazzjoni u l-ħeġġa tal-Membri kollha u t-tim tal-Kunsill Reġjonali jagħtuna l-enerġija biex nibqgħu naħdmu u ma naqtgħux qalbna mill-isfidi li niffaċċjaw. L-għan ewlieni tagħna jibqa' dejjem li niżguraw kwalità ta' ħajja aħjar fir-Reġjun tan-Nofsinhar.

--------------------------------------------- Tmiem ---------------------------------------------